# IL-PEDESTALLI TAL-ISTATWA TAL-MADONNA TAL-KARMNU TAL-BELT VALLETTA

Bosta huma l-istatwi sbieħ tal-Madonna li hawn ġo Malta. Bla dubju ta' xejn dik attwali tal-Karmnu tal-Belt hija waħda mill-aktar sbieħ. Bosta kienu dawk li resqu f'dan it-tempju biex ifaħħru, iqimu, jirringrazzjaw u jitolbu l-interċessjoni ta' din ix-xbieha għażiża u devota tal-Madonna tal-Karmnu.

Taħt riġlejn il-Madonna hemm il-pedistall tal-fidda. Qabel dan il-pedestall, din l-istatwa attwali kellha żewġ pedestalli oħra. Din l-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu saret fis-sena 1781, din l-istatwa ġiet imħallsa minn flus ir-Revdu P. Majjistru Michel-Angelo Chirchop O. Carm. (hu għamel din l-istatwa bl-elemożina tal-kwantità ta' priedki li kien jagħmel, fi żmienu kien wieħed mill-predikaturi kbar ta' Malta).

**L-EWWEL PEDESTALL** li kellha l-istatwa x'aktarx li kien magħmul mill-istess awtur tal-istatwa. Almenu skond it-tradizzjoni orali fil-kunvent tal-Belt dejjem hekk ingħad. Dak il-pedestall għalkemm kien sempliċi iżda kien sabiħ wisq u l-Madonna kienet wisq żnella. fuqu u minn dan l-uniku ritratt li għandna, naħseb li kien magħmul sempliċi ħafna għall tal-apposta biex tispikka l-Madonna biss. Dan il-pedestall għadu jeżisti u fil-festa għadu jintuża għall-istatwa ta' Sant'Elija missier l-Ordni kollu.

**IT-TIENI PEDESTALL**

Fis-sena 1898 fid-19 ta' Novembru il-pirjol belti P. Albert Grech O. Carm. (dak li ħadem għall-inkurunazzjoni u biex il-knisja tal-Karmnu tal-Belt issir l-ewwel Bażilika effettiva bħal ta' dawk ta' Ruma) kien għamel proposta lill-komunità biex jagħmel pedestall ieħor isbaħ milli hemm. Il-pedestall il-ġdid kien sabiħ ferm, kien wisq akbar mill-ieħor, kellu skultura l-ġmiel tagħha u fuq kollox kellu erbgħa anġli żgħar, sbieħ ħafna, jingħad li huma ta' Darmanin (dawn l-anġli għadhom sal-lum fil-Bażilika u jintramaw ħdejn id-Duluri u anki fil-festa ħdejn l-istatwa artistika tal-Karmelitan minn Siena Beatu Franco). Wara li sar it-tielet pedestall, dan it-tieni pedestall ingħata lill-knisja parrokkjali ta' Santa Venera. Ilum dan il-pedestall jinsab fil-knisja parrokkjali ta' Santa Venera (ta' barra)





u fuqu hemm l-istatwa ħelwa tal-Madonna tal-Karmnu liebsa ta' Karmelitan kif rawha t-tfal ġo Fatima.

**IT-TIELET PEDESTALL**

Fis-27 ta' Diċembru 1930, il-Pirjol P. Albert Zammit O. Carm. wera lill-komunità x-xewqa tal-Konfraternità tal-Verġni tal-Karmnu tal-Belt li f'għeluq il-50 sena tal-Inkurunazzjoni tal-kwadru Mirakoluż tal-Madonna tal-Karmnu, jiġifieri fis-sena 1931, tagħti bħala rigal lill-Madonna pedestall tal-fidda għall-istatwa tal-Madonna tal-proċessjoni. Il-komunità aċċettat b'ferħ kbir il-proposta tal-pedestall. Il-pedestall sar fuq id-disinn ta' Abram Gatt, fil-waqt li l-mudell ħadmu s-Sur Vincenzo APAP. Ix-xogħol kollu sar mid-ditta 'Galvanoplastik Geislingen Sterge' ġol-Ġermanja. Fil-fatt malli wasal Malta u Abram Gatt rah, l-espressjoni tiegħu kienet "dak verament xogħol perfett u sabiħ". Dan il-pedestall reġa' ħareġ s-sbuħija tal-istatwa li fuqu reġgħet dehret bħal ma kienet fl-ewwel pedestall żnella u maestuża. Fil-fatt skond il-patrijiet u reliġjużi li jiftakru dak iż-żmien, Abram Gatt ried li l-Madonna titpoġġa fuq il-pedestall l-antik (l-ewwel wieħed) u fuq dak ħa l-qisien. Fit-truf tal-pedestall hemm erbgħa statwi ta' qaddisin Karmelitani li huma S. Pier Tumas, Sant'Andrija Corsina, Sant'Anġlu u Sant Albert il-protettur kontra d-deni. Fin-nofs taħt l-istatwa minn quddiem hemm l-arma tal-Ordni Karmelitan, fuq wara tal-pedestall hemm in-"nome di Maria", fuq il-ġenb tal-pedestall hemm żewġ armi tal-papiet. Waħda tal-Papa Piju disgħa, il-papa tad-domma tal-Kunċizzjoni, u nafu kemm il-karmelitani kienu minn ta' l-ewwel li ħadmu għal din id-domma. L-arma l-oħra hija tal-Papa Piju Ħdax li kien imexxi l-Knisja dak iż-żmien u ħabib tal-Karmelu.

Il-pedestall tal-fidda kompla ħareġ is-sbuħija tal-figura ta' din l-istatwa li hi xogħol mill-isbaħ ta' artist Taljan Naplitan. Dan il-pedestall bil-materjal, disinn, mudellar u trasport sewgħa Lm1,500.

Il-Maltin missirijietna dejjem ħabbew u mxew wara din l-istatwa fis-16 ta' Lulju, j'alla aħna tal-lum nibqgħu nżommu din id-drawwa sabiħa u qaddisa li nimxu wara l-Omm u l-Ġmiel tal-Karmelu l-għaxqa tat-Trinità Mqaddsa u tal-poplu nisrani kollu.






TARCISIO SULTANA

***39, Ordnance Street, Valletta***

*Electrical and Household Goods*

**Tel. 221510**